# QORTI TA' L-APPELL

# (SEDE INFERJURI)

**IMHALLEF**

**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 26 ta' Ottubru, 2001.**

**Numru**

**Avviz numru 2271/98 MM**

**Raymond Said**

**vs**

**Charles Borg**

**Il-Qorti;**

**<u>PRELIMINARI ; L-AVVIZ PROMOTORJU</u>**

1. B'avviz l-appellant talab illi l-Qorti tikkundanna lill-konvenut li jhallas is-somma ta' Lm434.00,0 (erba' mija u erbgha u tletin lira Maltin) jew somma verjuri rapprezentanti danni minnu kagunati f'incident awtomobilistiku li sehh fit-18 ta' Lulju 1998 meta kien isuq karozza numru DAU 816 u b'traskuragni, negligenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti investa l-karozza numru GAI 346 misjuqa mill-attur liema incident sehh tort unikament tieghu Mensija Road,

kantuniera ma’ St. Margaret Street, San Gwann, meta hareg minn Stop Sign (Dok A, B u C). Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**L-ECCEZZJONIIET TAL-KONVENUT**

2. Il-konvenut eccepixxa li t-talba tal-attur ghandha tkun michuda bl-ispejjez kontrih stante li l-incident tat-traffiku in kwistjoni ma garax htija tal-eccipjent izda gara unikament tort tal-attur innifsu salvi eccezzjonijiet ohra.

**IS-SENTENZA APPELLATA**

3. Illi l-ewwel Qorti ddecidiet illi filwaqt illi tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tichad it-talba tal-attur bl-ispejjez kontra tieghu.

**L-APPELL TAL-ATTUR RIKORRENT**

4. L-attur hass ruhu aggravat minn dina s-sentenza u interpona appell quddiem din il-Qorti fuq l-aggravju illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat ta’ l-iskecc ipprezentat mis-Surgent tal-Pulizija.

Illi l-ewwel Qorti kkunsidrat :-

> *"mill-bidu nett illi l-isketch li pprezenta l-konvenut ghad li huwa ex parte jidher li huwa aktar veritjer minn dak li pprezenta s-Surgent".*

Jigi sottomess illi l-isketch li pprezenta l-konvenut zgur li ma jsegwix il-kanoni rikjesti mill-Korp tal-Pulizija f'cirkostanzi ta' incidenti stradali u dan huwa korraborat mix-xhud Alan Micallef li (a fol. 3) jixhed,

> *"niftakar lill-konvenut kejjel id-distanzi pero' nghid illi l-konvenut kien qieghed ikejjel distanzi differenti minn dawk li kejjel is-Surgent"*

ghaldaqstant dan l-isketch pprezentat mill-konvenut ma kellu qatt jittiehed in konsiderazzjoni mill-ewwel Qorti a skapitu ta' dak maghmul mis-Surgent 542 Alexander Grech.

Illi t-tieni aggravju ta' l-appellanti huwa illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat ta' l-obbligu li kellu l-konvenut meta kien iffacjat bis-sitwazzjoni *de quo*. Illi l-ewwel Qorti kkunsidrat illi ma kienx mistenni li l-konvenut jibqa' wara l-Stop Sign, jieqaf hemm u ma jiccaqlaqx u ghalhekk kien jinkombi fuqu l-obbligu illi johrog bil-mod *inching out* u jesplora kemm jista' jkun it-triq minn fuq ix-xellug tieghu. L-appellant jissottometti li tali ragunament m'huwiex korrett. Il-konvenut kellu l-obligu li jibqa' fuq l-Stop Sign sakemm il-vizjoni tieghu minn fuq l-

Stop Sign kienet cara u huwa f'dak il-mument biss li huwa seta' jaghmel il-manuvra li johrog il-barra. L-ewwel Qorti iddegretat li,

> *"verament meta l-Qorti tqis il-komportament tas-sewqan ftit hemm x'jigi censurat".*

Wiehed ghandu jaghmel referenza ghal sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-11 ta' Jannar 1996 fl-ismijiet *Brian Valenzia noe vs Saviour Azzopardi* fejn il-Qorti tal-Appell irriteniet :-

> *"Il-Qorti trid dejjem tkun iggwidata bir-regolamenti li s-sewwieqa huma tenuti li josservaw fis-sewqan u mhux b'dak li hi tahseb huwa ghaqli jew prudenti. Is-sewqan ma jigix iccensurat fuq bazi suggettiva tal-gudikant imma fuq kriterji oggettivi stabbiliti mir-regolamenti."*

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ewwel Qorti kkunsidrat illi m'huwiex tort tal-konvenut illi gie nfaccat b'emergenza meta f'daqqa wahda sab lill-attur ma wiccu. Jigi sottomess li l-ewwel Qorti wzat terminologija infelici u inezatta biex iddeskriviet l-azzoni tal-konvenut. Fl-ewwel lok kien l-attur li kien miexi b'mod regolari fil-lane tieghju u ghalhekk hija inkoncepibbli li wiehed jiddeskrivi l-posizzjon tieghu fit-triq vis a vis dik tal-konvenut bhala wahda ta' emergenza. In effetti kien l-attur appellant li kien iffacjat b'sitwazzjoni ta' emergenza meta waqt li

kien ghaddej minn triqtu gie iffacjat b'emergenza mhux mistennija u li sehhet biss minhabba n-nuqqas ta' osservanza mir-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut. Huwa umilment sottoemss illi d-dritt tal-attur li jibqa' sejjer fi triqtu kien ferm aktar superjuri minn dak tal-konvenut li allegatament kien qed jaghmel il-manuvra ta' *inching out*. Kif inhi d-dinamika tal-incident kien jinkombi fuq il-konvenut li jara li t-triq hija libera u dan minghajr pregudizzju ghall-argument tal-appellant li l-konvenut kellu jibqa' wieqaf fuq l-Stop Sign sakemm ikollu vizwali libera hekk kif jirrikjedu r-regolamenti tat-traffiku. In oltre l-attur jixhed a fol. 21 li,

> *"L-anqas ma smajt horn gej minn naha tal-konvenut".*

Dan ghandu jikkonforta lil dina l-Qorti tal-Appell li anke jekk ghall-grazzja tal-argument jigi koncess li l-konvenut seta' jaghmel manuvra ta' *inching out* hu zgur li ma uzax il-prekawzjoni bazika li hija rikjesta minghandu li hi dik li jdoqq horn jew jaghmel sinjali tad-dawl sabiex jindika l-prezenza tieghu waqt li kien qed jaghmel manuvra irregolari. In oltre, l-konvenut stess jixhed a fol. 46,

> *"u mbaghad bdejt hiereg bil-mod, itching out, b'rasi mal-windscreen biex inhares lejn ix-xellug go Mensija Road".*

Qed jigi sottomess li huwa fizikament impossibbli li sewwieq li jkollu rasu mal-windscreen jista' jkollu vizjoni korretta tat-triq. Il-*line of vision* tieghu fit-triq kienet limitata u huwa aktar verosimili li hu ma rahx lill-attur li kien ghaddej fi triqtu b'mod regolari. Il-konvenut ikompli jixhed,

> *"Tant kont hiereg bil-mod li hin minnhom il-karozza resqet xi ftit lura".*

Din il-verzjoni hija inverosimili u tikkontradixxi x-xhieda tal-attur a fol. 21 fejn jghid,

> *"Qed jigi suggerit lili jekk jista' jkun illi dak il-hin il-konvenut kien inching out, jipprova jesplora t-triq fuq ix-xellug tieghu. Nghid li jekk inhu hekk, meta habat kien diga' sporga l-karozza kollha got-triq."*

U dik tax-xhieda ta' Alan Micallef li jixhed a fol. 33,

> *"Fl-agonija tal-incident il-karozza tal-konvenut baqghet hierga bil-mod il-mod. Ma waqfitx."*

Huwa sottomess li din il-verzjoni hija wahda aktar verosimili li tenut kont tac-cirkostanzi tal-incident stradali. Mill-provi ma giex pruvat illi l-konvenut ha l-mizuri kollha mehtiega fic-cirkostanzi biex jevita accident.

Ghaldaqstant l-appellant talab li din il-Qorti tal-Appell joghgobha thassar, tirrevoka u tikkancilla s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati Avviz Numru 2271/98MM fl-ismijiet *Raymond Said vs Charles Borg* billi tilqa' t-talbiet attrici u tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut.

**IR-RISPOSTA TAL-KONVENUT GHAR-RIKORS TA' L-APPELL TAL-ATTUR**

5. L-appellant konvenut wiegeb hekk :-

**A. Il-konvenut osserva d-dmirijiet tieghu bhala side road user**

A.1. Ir-regola tat-traffiku hija li utent ta' triq laterali ghandu l-obbligu li jcedi ghat-traffiku fuq it-triq principali, ghandu l-obbligu li jesplora tajjeb it-triq principali qabel johrog fiha, ghandu l-obbligu li jimxi 'dead slow' u sahansitra jwaqqaf biex u sakemm jaccerta ruhu li jista' johrog bla hsara.

A.2. B'riferenza ghal dak li l-attur irrileva fil-paragrafu 7 tar-rikors tal-appell tieghu, huwa proprju dan li ghamel l-esponent fil-hrug tieghu minn St. Margaret Street, ghal go Mensija Road, San Gwann. Fil-fattispece tal-kaz in ezami, sabiex jesplora tajjeb it-triq principali, kien inutili ghall-appellat li jieqaf biss wara s-sinjal tal-istop ghaliex bil-fatt li

fl-isplay fuq ix-xellug tieghu kien hemm van Transit ipparkjat kien prattikament impossibbli li minn qabel l-istop line jara t-traffiku gej fit-triq principali fuq ix-xellug tieghu. Oltre l-van Transit ipparkjat, irrizulta wkoll li go Mensija Road mal-bankina tax-xellug (ghall-esponent) kien hemm linja ta' vetturi pparkjati. Rinfaccjat b'dan l-istat ta' fatt l-esponent ma hax riskju billi qabad u hareg. Ghall-kuntrarju beda **jixref** minn wara l-van Transit biex jesplora t-triq principali u safa' involut fil-kollizjoni in ezami mhux ghax ostakola l-passagg tal-attur li kien ghaddej fit-triq principali izda ghaliex l-attur injora ghal kollox ir-regola tat-triq billi saq spostjat lejn il-lemin fit-triq principali waqt li l-esponent kien qed jixref, flok saq max-xellug tat-triq kif kien obbligat anke jekk kien utent tat-triq principali.

**B. Il-posizzjoni tal-attur fit-triq principali wasslet ghall-habta**

B.1. B'riferenza ghal dak li sostna l-attur fil-paragrafu 7 tar-rikors tal-appell tieghu (i.e. paragrafu tal-bidu fit-tielet pagna) jigi rilevat li fil-konsiderazzjonijiet taghha l-ewwel Qorti accertat li *l-attur kien qieghed f'posizzjoni kemm xejn irregolari ghal dik it-triq* (Pg. 6 tas-sentenza) u li *forsi kien iktar ippustjat lejn il-lemin milli suppost u b'hekk gara l-incident* (Pg. 7 tas-sentenza). L-attur ma kienx ghaddej b'mod regolari fil-lane tieghu.

B.2. Kemm il-Highway Code kif ukoll il-Motor Vehicle Regulations jistipulaw li s-sewqan ghandu jsir max-xellug tat-triq ; la fin-nofs tat-triq u wisq anqas mal-lemin tat-triq. Meta tirrizulta njorata 'the rule of the road' bhal fil-kaz in ezami, min (bhall-attur) kiser tali regola ma jistax jinvoka favur tieghu d-difiza tal-emergenza subitanea – kif jimplika l-attur fir-rikors tal-appell tieghu. Dan ghaliex bil-posizzjoni tieghu fit-triq ikun qed iqieghed lilu nnifsu 'in a self inflicted incapacity' li tirrendi nutili kull azzjoni evasiva. Fil-kaz in ezami infatti l-applikazzjoni tal-brake ma swietx biex tevita l-habta mentri li kieku l-attur zamm sewwa max-xellug kien itawwal aktar il-viswali tieghu lejn il-lemin kif ikkonferma huwa stess kienet ostakolata mil-van Transit li kien ipparkjat fl-isplay.

## C. <u>L-isketch ufficjali tal-habta kien sostanzjalment difettuz</u>

C.1. Fuq il-provi li tressqu quddiemha, ghamlet tajjeb l-ewwel Qorti li skartat bhala inattendibbli l-isketch ufficjali tal-kollizjoni. Irrizulta infatti li kellu l-mankanzi segwenti :-

- Ma kienx indikat il-van Transit li kien ipparkjat fl-isplay ta' hdejn il-hanut bl-isem 'Well Done'.

- Ma kienitx indikata l-linja ta' vetturi li kienu pparkjati mal-istess hajt tal-hanut 'Well Done Bar'.

- Ghalkemm jinghad li l-isketch huwa 'to scale' ma jirrizultax fir-realta' li huwa hekk.

- Il-posizzjoni taz-zewg vetturi kif indikata ma tistax torbot fuqha billi s-Surgent ma hax il-kejl tad-distanza bejn it-tarf tal-bankina ta' Mensija Road fuq in-naha tax-xellug u l-'brakemarks' li halliet il-car tal-attur.

- Lanqas ma s-Surgent ma kejjel id-distanza mit-tarf tal-'Well Done' sal-'brakemark' tal-attur.

- Mid-distanzi li indika s-Surgent fir-rough sketch ma tasalx ghall-isketch ufficjali.

**D. <u>L-isketch ex parte preparat mill-konvenut jaghti affidament</u>**

D.1. Dan id-dokument jaghti affidment kif accertat l-ewwel Qorti ghaliex min-naha fih dettalji mankanti mill-isketch ufficjali li dwarhom qablu l-partijiet u min-naha l-ohra ghandu dettalji ta' kejl preciz li ha l-esponent 'a tempo vergine' b'rutella fil-presenza tal-attur li ma jistghux ikunu skartati ghaliex jimlew vojt li halla l-isketch ufficjali u li svija lill-attur.

D.2. Fir-rikors tal-appell tieghu, l-attur qabad ma' estratt mix-xhieda ta' Alan Micallef biex bhal donnu jxellef l-attendibilita' tal-kejl li ha l-

esponent 'a tempo vergine'. Jigi peor' rilevat li l-esponent spjega preciz il-kejl li ha, fejn u kien hadu. Min-naha l-ohra, ix-xhud Alan Micallef ma fissirx x'kejl differenti minn tas-Surgent suppost ha l-esponent u lanqas x'sens taghmel tali stqarrija meta x-xhud ma setax jiftakar ezatt il-punti li rabat maghhom biex kejjel. Li hu cert li l-esponent kejjel distanzi permezz ta' rutella.

**E. <u>Il-piz tal-prova jinkombi lill-attur</u>**

E.1. Fuq l-attur kien jinkombi l-oneru tal-prova li l-esponent kien unikament responsabbli ghall-incident in ezami. Jirrizulta car mis-sentenza tal-ewwel Qorti li mhux biss bil-provi li ressaq l-attur ma nissilx fil-gudikant dik ic-certezza morali tal-htija tal-esponent bazata fuq il-preponderenza tal-probabilitajiet anzi hareg mill-provi li s-sewqan tal-esponent ma kienx il-kawza prossima tal-incident. Ghandha ghalhekk tapplika r-regola : 'actore non probante reus absolvitur'.

**F. <u>Is-sentenza tal-ewwel Qorti timmerita konferma</u>**

F.1. Is-sentenza tal-ewwel Qorti timmerita konferma ghaliex fil-lanjanzi tal-attur ma hemm xejn ta' sostanza li jitlob li tali sentenza bil-konkluzzjonijiet taghha tkun disturbata.

**G. <u>Konkluzjoni</u>**

Ghaldaqstant u in vista tal-premess l-esponent jitlob bir-rispett illi din il-Qorti joghgobha tichad l-appell tal-attur u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur.

**IS-SENTENZA TA' DIN IL-QORTI**

6. L-aggravju ewlieni tal-attur appellant huwa li sar apprezzament zbaljat tal-provi fattwali li gew prodotti mill-partijiet, min-naha tal-Qorti tal-Magistrati, bil-konsegwenza li l-htija ghall-incident awtomobilistiku de quo inxtehet fuq l-attur meta kien il-konvenut appellat responsabbli ghal dak li sehh.

7. Illi l-appellant jissottometti li l-iskizz ex parte pprezentat mill-konvenut appellat ma messu qatt ipprevalixxa fuq dak imhejji mis-Surgent PS 542 Alexander Grech li investiga l-incident de quo.
Fit-tieni lok, dejjem skond l-appellant, il-konvenut kellu l-obbligu li ma jaghmel l-ebda manuvra biex ikompli jixref 'il barra fit-triq, qabel ma jaccerta ruhu ghal kollox li dan seta' jaghmlu bla xkiel.

Fit-tielet lok jekk inholqot xi emergenza, din giet ikkagjonata biss minhaba l-manuvra inkonsulta tal-konvenut. L-attur appellant kien miexi 'l quddiem fi triqtu, mentri l-konvenut kellu "stop-sign" mnejn xiref. Mhux verosimili li, kif xehed il-konvenut, li dan seta' kellu vizjoni tajba u shiha tat-traffiku li kien ghaddej mit-triq li ried jittraversa.

8. Din il-Qorti tibda billi tirrielva ghal darb'ohra li hija ormai prassi ben stabbilita ta' din il-Qorti ta' l-Appell li, sakemm ma jkunx hemm raguni jew ragunijiet gravi u serji bizzejjed li juru xort'ora, hija kemm jista' jkun ma tiddisturbax dik l-evalwazzjoni tal-provi fattwali li tkun saret mill-ewwel Qorti u li effettivament tkun semghet tali provi. Naturalment, f'kull kaz il-Qorti dejjem hija fid-dmir li tgharbel sew u mill-gdid il-provi kollha, fid-dawl ta' dak li jkun gie sottomess mill-partijiet kontendenti.

9. Illi minn ezami akkurat tal-provi prodotti din il-Qorti ma jidhrilhiex li jezistu ragunijiet sufficjenti li minhabba fihom ghandha tinbidel jew tinqaleb is-sentenza appellata. L-analisi maghmula mill-Qorti tal-Magistrati hija wahda sostanzjalment gusta u korretta u hija pjenament kondiviza minn din il-Qorti.

Illi fil-kors tal-gbir tal-provi gew ipprezentati zewg "sketches" tal-incident li gara fit-18 ta' Lulju 1998 f'Mensija Road, kantuniera ma' St. Margaret Street, San Gwann, wiehed maghmul mis-Surgent Grech li investiga l-incident u l-iehor 'ex parte' maghmul mill-konvenut stess. L-ewwel Qorti esprimiet il-fehma li, bhala l-aktar wiehed veritjer u attendibbli kien l-iskizz tal-konvenut u dan ukoll wara li sabet u ddeskriviet dak li gie pprezentat mis-Surgent tal-Pulizija bhala wiehed "li sar pjuttost 'alla

buona' milli b'xi attenzjoni ghal dettall ……. Ma gewx inkluzi, per ezempju, il-karozzi li kien hemm ipparkjati fil-gnub."

10. Illi ghalkemm huwa minnu li l-oneri tal-konvenut kienu akbar fic-cirkostanzi partikolari ta' fejn sehh l-incident, jigifieri bi "stop sign" fuq in-naha mnejn dana xieref u b'karozza ipparkeggjata max-xellug tieghu, jibqa' pero' l-fatt li l-attur jidher li kien gej b'certu speed – halla 'break-mark' ta' disa' metri wrajh – li ghalkemm ma kienx juri sewqan esagerat xorta wahda kien qawwi bizzejjed sabiex iqiegħed lill-appellant f'qaghda li, minkejja li seta' jara lill-konvenut jixref bil-mod il-mod 'il barra, huwa (i.e. l-attur) m'gharafx jiffrena l-vettura tieghu kompletament. Bi "proper look-out" u b'kontrol shih u komplet fuq il-vettura li kien qieghed isuq l-appellanti, il-habta ma kienitx issir. Min-naha l-ohra, ma kien hemm xejn x'wiehed jiccensura fil-mod kif il-konvenut appellat saq il-vettura tieghu. B'karozza pparkeggjata max-xellug tieghu, il-konvenut l-ewwel stenna li din titlaq minn hemm u meta stenna bizzejjed inutilment, huwa beda jixref bil-mod fit-triq ("inching out"). L-attur deher li kien ghaddej lejn in-nofs tal-karreggjata u halla brejk mhux hazin wrajh. Il-konvenut sahansitra xehed li wara l-habta sa ghaddiet xarabank minn "taht", ossija min-naha ta' gewwa tal-vettura tal-appellant. Kif qalet il-Qorti tal-Magistrati, ladarba jidher li l-konvenut ha dawk il-prewkazzjonijiet kollha waqt il-manuvra tieghu, il-Qorti ma setghetx izzommu b'xi mod responsabbli. L-ahhar argoment tal-attur appellant, dak igifieri li l-vizwali tat-triq tal-konvenut ma kienitx kif moghtija minnu huwa

argoment gratuwitu ghax fil-fatt il-konvenut jispjega ezattament x'ghamel qabel u waqt li beda hiereg bil-mod 'il barra. L-iskizz imhejji mill-konvenut – bil-qisien mehudin ezatt wara l-habta – jidher li hu ferm aktar attendibbli minn dak maghmul minn PS 542 Grech. Anke l-mod kif xehed dana l-ufficjal tal-Pulizija waqt il-kawza juri li l-istharrig min-naha tieghu gie kondott ftit u xejn b'manjiera lakonika.

Il-Qorti jidhrilha li ma hemmx raguni jew ragunijiet sufficjenti li jimmeritaw akkoljiment ta' l-appell li gie ntavolat mill-attur appellant.

Ghal dawn ir-ragunijiet ;

Tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata moghtija fl-20 ta' Novembru 2000 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-kawza fl-ismijiet premessi, tichad l-appell ta' l-attur appellant, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

Dep/Reg

mg